Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Abigail Lofaro LL.D. Dip. Stud. Rel.

Awla 9

Il-Pulizija

(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Anton Zerafa, Rita sive Anita Zerafa, Carmelo Zerafa u Sonia Grech

Illum 25 ta' Lulju, 2001

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputati fuq imsemmija li permezz taghhom huma gew akkuzati talli fit-8 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-10.30p.m. gewwa Wied il-Ghajn, ikkagunaw hsara volontarja fuq l-vettura ta' Joanne Borg, liema vettura iggib in-numri IBA-738 tal-marka Fiat

Punto, liema hsara taccedi l-mitt lira Maltin izda mhux hames mitt lira Maltin (Art. 325 Kap. 9).

Talli fl-istess data, hin u lok ikkaggunaw hsara involontarja fuq il-vettura ta' Joanne Borg, liema vettura iggib in-numru IBA-738 tal-marka Fiat Punto (Art. 328 tal-Kap. 9);

Talli fl-istess data hin u lok uzaw vjolenza sabiex geghelu lil xi hadd jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga (Art. 251 tal-Kap. 9);

Talli fl-istess data, hin u lok hebbew kontra Joanne Borg u Simon Sultana biex ingurjawhom, dejquhom jew ghamlulhom hsara (Art. 339 (1) (e);

Talli fl-istess data, hin u lok ingurjajtu u heddidtu lil Joanne Borg u Simon Sultana (Art. 339 (1) (1);

Talli fl-istess data, hin Anton Zerafa wahdu saq vettura tal-marka Escort LAD 925 b'manjiera traskurata u perikoluza (Art 15 Kap 15);

Rita sive Anita Zerafa akkuzata waheda li saqet vettura Opel Astra b'majiera perikoluza u traskurata u flimkien ma

Sonia Grech hebbew ghal Simon Sultana u Joanne Borg u kkaggunawlhom feriti ta' natura hafifa;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputati fuq imsemmija jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu u d-dokumenti esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Il-Qorti semghet lil Dr. Joseph Giglio ghall-parti civili jirrinunzja ghall-akkuzi kollha li huma rinunzjabbli u dana peress illi l-imputati fuq imsemmija irrizarcaw lil Joanne Borg ghad-danni kollha dovuti lilha.

Illi waqt is-seduta tal-20 ta' Lulju, 2001 il-Prosekuzzjoni irtirat l-akkuza tas-sewqan perikoluz u l-imputat Anton Zerafa irregistra ammissjoni ghall-ewwel akkuza.

Ikkunsidrat :

Illi effettivament irrizulta mill-provi prodotti illi kien Anton Zerafa illi ikkaguna l-hsara volontarja fuq il-vettura ta' Joanne Borg.

Ghaldaqstant il-Qorti wara illi rat l-Artikolu 325 (b) tal-Kap. 9 issib lil Anton Zerafa wahdu hati tal-ewwel akkuza migjuba kontra l-imputati kollha, waqt illi tillibera lill-imputati kollha l-ohrajn minn din l-ewwel akkuza ta' hsara volontarja.

Il-Qorti tillibera lill-imputati kollha fuq imsemmija mit-tieni akkuza, u dik ta' hsara involontarja, u dana peress illi una volta gie ippruvat il-hsara volontarja ma tistax tirrizulta wkoll l-akkuza ta' hsara involontarja.

Il-Qorti issib lill-imputati fuq imsemmija hatja talli uzaw vjolenza sabiex igieghelu lil xi hadd jaghmel halli isir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dana wara illi rat l-Artikolu 251 tal-Kap. 9.

Il-Qorti issib lill-imputati fuq imsemmija Anita Zerafa u Anton Zerafa hatja talli fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni saqu vettura b'manjiera traskurata.

Il-Qorti tillibera lill-imputati kollha l-ohrajn mill-akkuza ta' sewqan traskurat u tillibera lill-imputati kollha mill-akkuza

ta' sewqan perikoluz, liema akkuza giet irtirata mill-Prosekuzzjoni.

Illi rigward l-imputazzjoni illi l-imputati fuq imsemmija hebbew kontra Joanne Borg u Simon Sultana, kif ukoll talli ingurjaw jew heddew lil Joanne Borg u lil Simon Sultana u illi hebbew ghal Simon Sultana u Joanne Borg u ikkagunawlhom feriti ta' natura hafifa, il-Qorti tiddikjara procediment ezawrit u dana peress illi l-imsemmija Simon Sultana u Joanne Borg iddikjaraw illi jahfru lill-imputati ghal dawn l-akkuzi; liema akkuzi huma rinunzjabbli.

Illi, in rikapitulazzjoni, l-Qorti issib lil Anton Zerafa hati ta' hsara volontarja skond l-Artikolu 325(b) tal-Kap. 9 u hati ta' sewqan traskurat u dana wara illi rat l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65. Issibu wkoll hati talli uza vjolenza biex igieghel lil xi hadd jaghmel halli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dana wara illi rat l-Artikolu 251 tal-Kap. 9. Il-Qorti issib lill-imputata Anita Zerafa hatja talli uzat vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel ihalli isir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan wara illi rat l-Artikolu 251 tal-Kap. 9 u talli fil-jum, hin u lok kif imsemmi fl-imputazzjoni saqet vettura b'manjiera traskurata u dan wara li rat l-Artikoli 15 u 18 tal-Kap. 65. Il-Qorti issib lil Carmel Zerafa u lil Sonia Grech it-tnejn hatja talli uzaw vjolenza sabiex igieghlu lil xi

hadd jaghmel halli isir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan wara illi rat l-Artikolu 251 tal-Kap. 9 u tilliberahom mill-akkuzi kollha l-ohrajn ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-piena l-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz fejn 'si trattava' ta' gherusija imhassra ftit granet qabel it-tieg, u fl-isfond ta' dan kollu l-'gharus' kien beda johrog ma' mara ohra, minghajr ma indenja ruhu jghid lil missier l-ex gharusa tieghu illi kien iddecieda illi jhassar l-gherusija u ma jasalx ghat-tieg u dan ftit granet biss qabel id-data tat-tieg.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi l-imputati fuq imsemmija jew ghandhom fedina penali netta, jew relattivament netta.

Ikkunsidrat ukoll il-fatt illi dan kien incident isolat u ghaldaqstant tara li ma jkunx idoneju illi tapplika piena ta' prigunerija f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant wara li rat ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152 filwaqt illi qeghda tillibera lill-erba imputati fuq imsemmija qeghda tobblighom illi ma jaghmlu l-ebda reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.

(ft) Rita Saliba

Deputat Registratur